**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/59/17/S

Mariella Cutajar
vs.
International Trading Co. Ltd

Illum, 1 ta'Marzu,2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Mariella Cutajar ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2017 kif ukoll ir-Risposta ta' International Trading Co. Ltd ippreżentata fil-5 t'April 2017;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbet li forn li hija kienet xtrat għas-somma ta' tlett mija u disgħin Ewro (€390.00) jitbiddel *stante* sadid li kien qed jiżviluppa fil-gradilji;

Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet li:

- -L-ilment tar-rikorrenti huwa kkawżat minn użu ta' *detergent* li ma kellux jintuża;
- -Li f'*house call* partikolari li kienet saret, ebda *condensation* ma ġie nnutat; u
- -Li r-rikorrenti irrifjutat il-konsenja ta' xkafef (gradilji) ġodda li kienu ġew ordnati għall-forn tagħha.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2017, ir-rikorrenti ikkonfermat il-kontenut tal-Avviż tat-Talba bil-ġurament u xehdet li ma kinitx aċċettat l-ixkafef ġodda għax beżgħet li meta jkunu esposti għall-*condensation*, anki dawn kienu ser jissaddu. Hija żiedet li anki

wara tlett ijiem li tkun użat il-forn dan kien ikollu *condensation* u fil-fehma tagħha, il-problema kienet fl-intern tal-forn. In kontro-eżami, ir-rikorrenti xehdet li meta aċċeda f'darha t-tekniku mibgħut mis-soċjetà intimata, hija wrietu d-*detergent* użat minnha li kien jismu "*Pierre d'Arjin*" u ċċarat li l-*condensation* kienet tiżviluppa meta jiksaħ il-forn u mhux hekk kif dan jinxtegħel;

Illi fix-xhieda tiegħu, Jack Francica qal li meta hu eżamina l-forn minn ġewwa, huwa kkonkluda li kienu qed jintużaw deterġenti aggressivi u hu seta jikkonkludi dan stante traċċi ta' materjal abjad li kien jidher imċarċar u niexef. Francica żied li l-gradilji jissaddu għax jinħaslu b'deterġenti aggressivi. Rigward *condensation*, Francica xehed li kull forn kien jagħmel *condensation* iżda l-iskop tal-fann fil-fornijiet hu proprju sabiex jaħdem kontra l-*condensation*. Meta Francica aċċeda fuq il-post it-tieni darba, ċioe meta r-raġel tar-rikorrenti kien qed isajjar, ma kienx hemm *condensation*. In kontro-eżami, irriżulta li Francica ma kienx jiftakar x'deterġent urietu r-rikorrenti;

Illi minn dan kollu, it-Tribunal josserva li ladarba r-rikorrenti ma ppreżentat ebda prova rigward meta nxtara l-forn, it-Tribunal ser ikollu jistrieħ fuq id-dikjarazzjoni ta' Marcelle Bonello (fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017) meta din xehdet li l-ilmenti tar-rikorrenti bdew xi xhur wara li nxtara l-forn. Ir-rikorrenti m'għamlet ebda referenza għal meta bdiet tara s-sadid u għalhekk, it-Tribunal ma jafx jekk dan id-difett deherx minnufih wara l-ewwel użu tal-forn jew jekk deherx wara li dan kien intuża numru ta' drabi;

Illi għalkemm ir-rikorrenti dehret konvinta li l-kawża tas-sadid kienet il-*condensation*, hija la qatt ċaħdet li setgħet użat deterġenti aggressivi u lanqas spjegat kif ikkonkludiet li s-sadid kien ħtija tal-*condensation* ad esklużjoni ta' xi kawża oħra;

Illi s-soċjetà intimata ħadet l-ilment tar-rikorrenti bis-serjetà tant li tatha struzzjonijiet biex meta huma jkunu ġejjin jeżaminaw il-forn, hija ssajjar patata l-forn għax din ikollha ħafna ilma fiha u b'hekk, jekk ikun hemm *condensation*, din tkun tidher. Madankollu, meta Marcelle Bonello u Jack Francica marru fil-fond fejn ġiet imsajra l-patata l-forn, ma kien hemm ebda *condensation*;

Illi qabel xejn, hija l-fehma tat-Tribunal li huwa obbligu ta' kulmin jixtri xi *appliance* li jaqra l-istruzzjonijiet tal-manifattur qabel jopera l-*appliance*. Dan għandu jiswa' sabiex is-

sid ikun jista' jħaddem l-oġġett b'mod sigur u jieħu ħsieb l-oġġett sabiex itawwal l-użu tiegħu kemm jista' jkun. Għalhekk, l-ewwel ħaġa li messha għamlet ir-rikorrenti kien li qrat il-*manual* relattiv;

Illi r-rikorrenti qatt ma spjegat kif ikkonkludiet li kien bilfors il-*condensation* li wassal għas-sadid u mhux l-użu ta' deterġenti aggressivi min-naħa tagħha. Meta wieħed jipparaguna l-insistenza tar-rikorrenti f'dan ir-rigward max-xhieda ta' Francica, it-Tribunal jifhem li Francica aktarx għandu ħafna iktar esperjenza mir-rikorrenti f'dawn il-materji tekniċi u għalhekk, ix-xhieda tiegħu hija l-eqreb li wieħed jista' jasal għal xhieda ta' espert tekniku fin-nuqqas ta' ħatra ta' espert;

Illi fil-fehma tat-Tribunal, minn dak kollu espost, ir-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova li l-ħsara fil-forn tagħha huwa ħtija ta' difett intern.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti izda ghandhom jinbidlu l-ixkafef tal-forn hekk kif offriet is-socjeta intimata.

It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru